# Il-Qgħad Irreġistrat: Settembru tal-2023

NR192/2023 Data tal-Ħruġ: 31 ta' Ottubru 2023

*F'Settembru tal-2023, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,004, li huma żieda ta' 49 persuna meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri, li sena għal sena, f'Settembru 2023 kien hemm żieda ta' 54 persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' 5 persuni li kienu qegħdin jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Iż-żidiet fir-reġistrar dehru fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età barra f'dawk ta' taħt l-20 sena (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kien irreġistrat tnaqqis ta' 42 persuna u 27 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol bejn 21 u 52 ġimgħa u fl-għadd tal-oħrajn li kienu ilhom fuq ir-reġistru għal aktar minn sena, rispettivament. Min-naħa l-oħra, il-persuni li kienu ilhom jirreġistraw għal inqas minn 21 ġimgħa żdiedu b'118 (Tabella nru 2).

F'Settembru 2023, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol żdied bi 13 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq il-234 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 76.5 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'20.9 fil-mija u b'37.6 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

